# Il-Kwadru Titulari tal-Knisja ta' San Bert f'Ħal Tarxien



Huma ħafna dawk il-knejjes żgħar f'pajjiżna, li minnhom tant insibu mxerrda fil-gżejjer tagħna; fejn fihom insibu li għandhom xogħlijiet artistiċi mill-isbaħ, kemm f'dik li hija skultura, kif ukoll għal dik li hija pittura, li bihom jinsabu mżejna dawn il-knejjes tagħna - li huma parti mill-wirt kulturali tagħna li ħallewlna missirijietna.

Bla dubju ta' xejn, waħda minn dawn il-knejjes hija dik ta' San Bert, li tinsab fi Triq il-Kbira, f'Ħal Tarxien. Għalkemm żgħira fid-daqs, din il-knisja insibuha li hija mgħammra b'ħafna xogħlijiet artistiċi li huma ta' valur. Fost dawn ix-xogħlijiet insibu l-kwadru titulari, li juri lil San Bartilmew Appostlu u lill-Madonna, imsejħa taħt it-titlu sabiħ tal-Parir it-Tajjeb (Bon Kunsill), minħabba l-fatt li din il-knisja hija ddedikata wkoll lill-Madonna meqjuma taħt dan it-titlu.

Forsi hawnhekk ikun hawn min jistaqsi u jgħid: "Għaliex dan il-kwadru juri lill-Madonna tal-Parir it-Tajjeb u lil San Bert fl-istess waqt?" Għalhekk, storikament tajjeb li wieħed jgħid ir-raġuni ta' dan.

**Is-Suġġett tal-Kwadru**

Kif insibu miktub fl-atti tan-Nutar Pietro Antonio Madiona, Dun Bert Mangion (1705 - 1759) - qassis minn Ħal Tarxien, għamel testment fid-29 ta' Lulju, 1759. Fih ħalla miktub biex tinbena knisja f'Ħal Tarxien f'ġieħ San Bartilmew Appostlu, il-Qaddis li tiegħu kien iġib ismu, u lill-Madonna taħt it-titlu tal-Parir it-Tajjeb, li hu kien tant devot tagħha.

Għalhekk meta ġew biex jagħmlu l-kwadru titulari ta' din il-knisja, riedu jdaħħlu fih dan is-suġġett, biex tiġi mfissra r-rieda tal-fundatur tal-knisja msemmija. Kif jidher ċar, mill-ideja tal-artist ħareġ tajjeb dan is-suġġett, bil-mod għaqli li bih mar ipitter dan il-kwadru titulari, biex bih seta' jagħti l-messaġġ mixtieq.

Kif insibu miktub f'wieħed mill-manuskritti fl-Arkivju tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien, bl-isem ta: "Fondazione Mangion", dan il-kwadru huwa xogħol artistikament sabiħ, ġie mpitter biż-żebgħa taż-żejt fuq it-tila u maħdum fuq stil Barokk (Rococo), minn wieħed mill-akbar pitturi Maltin tal-aħħar tas-Seklu Tmintax: Rokku Buhagiar (c. 1725-1805). Dan il-kwadru ġie mbierek mill-Kappillan ta' Ħal Tarxien stess, Dun Ġwann Psaila, lejlet il-festa ta' San Bartilmew Appostlu, nhar it-23 ta' Awissu, 1776 - fl-istess sena li tlestiet u ġiet miftuħa għall-pubbliku din il-knisja.

**Tifsira tal-Kwadru**

Il-kwadru msemmi nistgħu naqsmuh f'żewġ partijiet. Fil-parti ta' fuq tal-kwadru naraw li hemm impitter il-kwadru tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb, li hija kopja tax-xbieha tal-Madonna, li hemm meqjuma fis-Santwarju dedikat lilha taħt dan it-tilu f'Genazzano, l-Italja. Fil-kwadru tagħna, dan il-kwadru tal-Madonna narawh imdawwar minn għadd sabiħ ta' anġli b'espressjoni ferrieħa, li tlieta minnhom narawhom qegħdin iżommu dan il-kwadru bix-xbieha tal-Madonna fih. Permezz ta' din ix-xena l-artist ried joħloq ideja ta' eċitazzjoni bl-effett tal-immaġinazzjoni, fil-moviment kbir li ta lil dawn l-anġli ndawwra bl-isħab, madwar il-kwadru msemmi.

Ix-xbieha tal-Madonna hija espressiva u turi li hemm ċerta kalma u hena qaddisa (armonija spiritwali) bejn il-figuri ħelwin tal-Madonna u tal-Bambin, magħquda fl-imħabba intima ta' bejniethom. Sabiex b'hekk l-artist inissel fi qlub il-bnedmin, qima u devozzjoni lejn il-Verġni Marija, f'għaqda sħiħa ma' binha Ġesu'.

F'dan il-kuntest, wieħed jista' jinnota l-figura ħelwa tal-Bambin Ġesu', li narawh li qiegħed fuq id-driegħ tax-xellug ta' ommu Marija, iħares espressivament lejn għajnejha donnu qiegħed ikellimha. B'idejh il-leminija mqabbda m'għonqa, filwaqt li bil-pala ta' jdejh ix-xellugija qiegħed jaqbad maċ-ċinta tal-libsa tagħha. Fl-istess waqt, il-Madonna narawha b'rasha baxxuta fuq ras il-Bambin, donnok tisthajjel li qiegħda tisma' x'inhu jgħidilha b inha Ġesu'. filwaqt li hija qiegħda tħares b'għajnejha l-isfel, lejna l-bnedmin.

Fil-parti t'isfel tal-kwadru, proprju mal-ġenb fuq in-naħa tal-lemin, naraw il-figura ta' San Bartilmew Appostlu, f'qagħda devota. Dan narawh li qiegħed għarkubbtejh fuq l-art ħdejn xtajta, b'wiċċu 'l fuq, b'għajnejh iħares lejn is-sema, propsju lejn il-kwadru tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb, li qegħdin iżommu l-anġli. Jitlob l-għajnuna tal-Madonna u ta' binha Ġesu'; biex huma jbierku u jħarsu l-ħidma Appostolika tiegħu fil-pajjiżi fejn hu mar jippriedka l-Fidi Nisranija.

Għalhekk lil San Bartilmew f'dan il-kwadru narawh b'idejh il-leminija miftuħa, f'azzjoni ta' meta wieħed ikun qiegħed jitlob. filwaqt li b'idu x-xellugija narawh li qiegħed iżomm il-ktieb tal-Vanġelu - xhieda u simbolu ħaj tax-xandir tal-Kelma t'Alla, li huwa mar iwettaq fl-Appostolat tiegħu.

Man-naħa tax-xelluf, proprju maġenb il-figura ta' San Bartilmew, naraw ukoll anġlu sbejjaħ bil-qiegħda, f'qagħda nteressanti ħafna. B'wiċċu jħares lejna, b'idu x-xellugija qiegħed iżomm is-sikkina, sabiex simbolikament jurina l-martirju, li skond it-tradizzjoni ħa l-Appostlu San Bartilmew. Jiġifieri li ġie mqaxxar ħaj mill-ġilda tiegħu permezz tas-sikkina. filwaqt li dan l-anġlu, permezz ta' idu l-leminija qiegħed jurina b'subgħajh l-Armenja, il-pajjiż fejn jingħad li San Bartilmew ħa l-martirju tiegħu. Din narawha mpittra fl-isfond tal-kwadru, wara l-istess figuri ta' San Bartilmew u tal-anġlu msemmi.

Fl-art maġenb l-anġlu, fir-rokna tal-kwadru man-naħa tax-xellug, naraw li hemm maqluba mal-art, ras ta' alla falz - simbolu tal-qerda tal-paganeżmu, li dan l-Appostlu qered permezz tal-predikazzjoni tiegħu fl-artijiet tal-pagani. wara din ir-ras, dejjem fuq in-naħa tax-xellug, naraw li hemm tlett persuni mexjin, qegħdin ifaħħru lil alla għad-dawl tal-fidi li tahom permezz tal-Appostlu San Bartilmew; bħala simbolu tal-konverżjoni li għamel dan l-Appostlu lill-pagani.

Nagħlaq dan l-artiklu billi ngħid, li reċentement dan il-kwadru ġie rrestawrat billi tnaddaf mir-restawratur, is-Sur Alfred Briffa. B'hekk qegħdin nerġħhu naraw dan il-kwadru fl-istat oriġinali tiegħu, grazzi għall-interess u d-dedikazzjoni li ħa s-Sur Briffa fix-xogħol tiegħu ta' restawr ta' dan il-kwadru.